



Dokument ta' sessjoni

B9-0106/2024 }  
B9-0108/2024 }  
B9-0131/2024 }  
B9-0132/2024 }  
B9-0133/2024 }  
B9-0134/2024 } RC1

7.2.2024

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

impressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0106/2024 (The Left)

B9-0108/2024 (S&D)

B9-0131/2024 (Verts/ALE)

B9-0132/2024 (PPE)

B9-0133/2024 (Renew)

B9-0134/2024 (ECR)

dwar is-sitwazzjoni fis-Serbja wara l-elezzjonijiet  
(2024/2521(RSP))

**Michael Gahler, Vladimír Bilčík, Željana Zovko, Rasa Juknevičienė,  
Andrius Kubilius, Andrey Kovatchev**

f'isem il-Grupp PPE

**Pedro Marques, Andreas Schieder, Tonino Picula, Thijs Reuten**

f'isem il-Grupp S&D

RC\1296377MT.docx

PE756.848v01-00 }  
PE756.850v01-00 }  
PE756.874v01-00 }  
PE756.875v01-00 }  
PE756.876v01-00 }  
PE756.877v01-00 } RC1

**Klemen Grošelj, Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Karin Karlsbro, Michael Kauch, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Karen Melchior, Urmas Paet, Dragoș Pîslaru, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans**

f' isem il-Grupp Renew

**Viola von Cramon-Taubadel**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Assita Kanko, Elżbieta Kruk, Witold**

**Jan Waszczykowski, Anna Zalewska, Joachim Stanisław Brudziński,**

**Adam Bielan, Waldemar Tomaszewski**

f' isem il-Grupp ECR

**Emmanuel Maurel**

f' isem il-Grupp tax-Xellug

**Mozzjoni għal Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fis-Serbja wara l-elezzjonijiet (2024/2521(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Serbja, u b’mod partikolari dik tal-10 ta’ Mejju 2023 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2022 dwar is-Serbja<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet preċedenti tal-UE dwar is-Serbja, b’mod partikolari d-dikjarazzjoni konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, Josep Borrell, u tal-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir, Olivér Várhelyi tad-19 ta’ Diċembru 2023, dwar l-elezzjonijiet parlamentari,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-sejbiet u l-konklużjonijiet preliminari tal-missjoni internazzjonali ta’ osservazzjoni elettorali (MIOE) għall-elezzjonijiet parlamentari bikrija fis-Serbja tas-17 ta’ Diċembru 2023,
- wara li kkunsidra l-opinjoni konġunta tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE)/Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) u tal-Kummissjoni ta’ Venezja tad-19 ta’ Diċembru 2022 dwar il-qafas kostituzzjonali u legali li jirregola l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fis-Serbja – il-liġi elettorali u l-amministrazzjoni elettorali,
- wara li kkunsidra r-rapport ta’ osservazzjoni elettorali tal-Kumitat Ad hoc tal-Bureau tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tas-17 ta’ Jannar 2024 intitolat “Osservazzjoni tal-elezzjonijiet parlamentari bikrija fis-Serbja (17 ta’ Diċembru 2023)”,
- wara li kkunsidra d-diskors dwar l-elezzjonijiet fis-Serbja tas-17 ta’ Jannar 2024 mogħti mill-Kummissarju għall-Ġustizzja, Didier Reynders, f’isem il-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (VP / HR), Josep Borrell, fil-plenarja tal-Parlament,
- wara li kkunsidra l-ittra miftuħa dwar is-sitwazzjoni ta’ wara l-elezzjoni fis-Serbja ffirmata mill-Presidenti tal-Kumitati għall-Affarijiet Barranin ta’ diversi pajjiżi tal-UE,
- wara li kkunsidra l-proċess ta’ djalogu parlamentari kofaċilitat tiegħu fis-Serbja,
- wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-2006 tas-Serbja u l-Liġi tagħha tal-2022 dwar l-Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-10 ta’ Jannar 2022 bit-titolu “L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent: Minkejja l-isforzi li saru, jippersistu problemi fundamentali”,

<sup>1</sup> ĠU C, C/2023/1065, 15.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1065/oj>.  
RC\1296377MT.docx

- wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi wara l-isparar tal-massa f'Belgrad u qrib Mladenovac f'Mejju 2023, ġew organizzati protesti tal-massa bl-islogan "Is-Serbja kontra l-vjolenza" madwar is-Serbja; billi fl-1 ta' Novembru 2023, il-President tas-Serbja invoka t-talbiet mill-oppożizzjoni għal elezzjonijiet bikrija biex ixolji l-parlament; billi huwa ppjana elezzjonijiet parlamentari bikrija għas-17 ta' Diċembru 2023;
- B. billi mill-2012, l-elezzjonijiet parlamentari kollha fis-Serbja ħlief waħda kienu elezzjonijiet bikrija; billi dawn kienu t-tielet elezzjonijiet parlamentari f'inqas minn erba' snin;
- C. billi wara r-riżenja ħesrem u simultanja ta' 65 sindku mill-partit fil-gvern, inkluż is-Sindku ta' Belgrad, u d-deċiżjoni tal-Assemblea tar-reġjun Awtonomu ta' Vojvodina li xxolji lilha nnifisha, minkejja maġġoranzi stabbli, elezzjonijiet lokali bikrija f'terz tal-muniċipalitajiet tas-Serbja u elezzjonijiet provinċjali f'Vojvodina intalbu fl-istess jum, is-17 ta' Diċembru 2023; billi l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet muniċipali u parlamentari fl-istess jum mhijiex Prattika tajba li ilha stabbilita; billi bosta osservaturi jqisu l-elezzjonijiet lokali parzjali bikrija bħala għodda għall-konsolidazzjoni tal-poter mill-gvern attwali u użu ħażin tad-drittijiet tal-vot tal-komunitajiet lokali;
- D. billi l-elezzjonijiet żvolgħew fost polarizzazzjoni soċjali akbar u kompetizzjoni intensa qalb aġendi politiċi kuntrastanti; billi dawn kienu kkaratterizzati minn livell bla preċedent ta' kampanji negattivi u ta' tbeżziġh, kif ukoll attakki kontra l-opponenti politiċi u l-ġurnalisti;
- E. billi qabel il-jum tal-elezzjoni, is-Serbja kienet naqset milli timplimenta rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-OSKE/ODIHR u tal-Kummissjoni ta' Venezja, inklużi dawk dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi, miżuri biex jiġi pprevenut l-użu ħażin tal-uffiċċju pubbliku u tar-riżorsi tal-Istat, is-separazzjoni bejn id-dmirijiet uffiċjali u l-attivitajiet ta' kampanja, u mekkaniżmi effettivi biex jiġu pprevenuti l-intimidazzjoni u l-pressjoni fuq il-votanti, inkluż ix-xiri tal-vot;
- F. billi l-kampanja b'mod ġenerali kienet ikkaratterizzata minn polarizzazzjoni, retorika aggressiva, skreditazzjoni personali, abbuż verbali u lingwaġġ xewwiexi saħansitra aktar estremi; billi l-pressjoni fuq l-impjegati tas-settur pubbliku, l-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi u l-iskemi ta' inċitament għall-votanti qajmu tħassib dwar il-kapaċitajiet tal-votanti li jagħmlu għażla li tkun ħielsa minn pressjoni żejda; billi dawn il-prattiki, minbarra xi sfidi fl-aċċess għall-postijiet pubbliċi għall-oppożizzjoni, xaqilbu l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni u ċajpru l-linja bejn l-istat u l-partit fil-gvern, f'kontradizzjoni mal-istandards internazzjonali; billi l-mezzi medjatiċi sponsorjati mir-Russja Sputnik Serbia u Russia Today Balkan, ikkontribwew b'mod attiv għat-tixrid tad-diżinformazzjoni, essenzjalment dwar il-kandidati tal-oppożizzjoni;
- G. billi l-kampanja kienet iddominata b'mod qawwi mill-President fil-kariga Vučić, li minkejja li ma kienx kandidat għal dawn l-elezzjonijiet, assumu rwol ċentrali fil-kampanji ta' kuljum permezz ta' involviment qawwi f'avvenimenti tal-Partit Progressiv

- Serb (SNS); billi l-lista mmexxija mill-SNS issemmiet għas-Sur Vučić;
- H. billi l-kampanja u l-korpi għas-sorveljanza tal-media elettronika baqgħu fil-biċċa l-kbira taqgħom ineffettivi biex jiskoraġġixxu l-ksur matul il-perjodu elettoral;
- I. billi MIOE twettqet mill-OSKE/ODIHR, mill-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u mill-Parlament Ewropew sabiex jiġi ddeterminat jekk l-elezzjonijiet kinux konformi mal-impenji tal-OSKE u ma' obbligi u standards internazzjonali oħra għal elezzjonijiet demokratiċi u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali;
- J. billi l-listi tal-votanti ġew aġġornati permezz tar-reġistru unifikat tal-votanti u n-numru finali ta' votanti kien ta' 6 500 666; billi ġie allegat li bosta persuni deċeduti baqgħu fir-reġistru;
- K. billi l-parteċipazzjoni tal-votanti kienet ta' 58,58 %, kemmxejn ogħla minn dik tal-elezzjonijiet preċedenti, li saru fl-2022;
- L. billi minkejja l-fatt li 43 % tal-2 817-il kandidat parlamentari kienu nisa u li saru sforzi biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa, in-nisa għadhom, b' mod ġenerali, sottorappreżentati f'karigi eletti u maħtura;
- M. billi l-elezzjonijiet, b' mod ġenerali, seħħew mingħajr xkiel, iżda l-ġurnata kienet ikkaratterizzata minn bosta nuqqasijiet proċedurali, fosthom l-applikazzjoni inkonsistenti ta' salvagwardji matul il-votazzjoni u l-għadd, każijiet frekwenti ta' affollament eċċessiv, ksur tas-segretezza tal-votazzjoni, u bosta każijiet ta' votazzjoni fi grupp u atti iżolati ta' attackki fiżiċi;
- N. billi skont il-Kummissjoni Elettorali tar-Repubblika Serba (REC), il-SNS rebaħ 46.75 % tal-voti, filwaqt li l-akbar koalizzjoni tal-oppożizzjoni, "is-Serbja kontra l-Vjolenza" rebħet 23.66 %, il-Partit Soċjalista tas-Serbja rebaħ 6.55 %, il-koalizzjoni NADA rebħet 5.02 %, "Aħna – il-Vuċi tal-Poplu" rebħet 4.69 % u ħames listi ta' minoranza rebħu total ikkombinat ta' 3.68 %;
- O. billi d-dikjarazzjoni tas-sejbiet u l-konklużjonijiet preliminari tal-Missjoni Internazzjonali ta' Osservazzjoni Elettorali enfasizzat li "l-elezzjonijiet parlamentari bikrija tas-17 ta' Diċembru, għalkemm amministrati teknikament tajjeb u offrew lill-votanti għażla ta' alternattivi politiċi, kienu ddominati mill-involvement deċiżiv tal-President li flimkien mal-vantaġġi sistemiċi tal-partit fil-gvern ħolqu kundizzjonijiet inġusti"; billi r-rapport finali tal-OSKE/ODIHR huwa mistenni li jiġi ppubblikat fil-ġimgħat li ġejjin;
- P. billi l-allegazzjonijiet ewlenin ta' irregolaritajiet matul il-jum tal-elezzjoni jikkonċernaw b' mod partikolari lil Belgrad, fejn "votanti fantażma" minn muniċipalitajiet Serbi oħra li dakinhar ma kellhomx elezzjonijiet, kif ukoll minn pajjiżi ġirien kienu qed jiġu rreġistrati mill-awtoritajiet f'appartamenti fejn ma kinux jgħixu; billi kien hemm diversi allegazzjonijiet li l-votanti li jgħixu barra mill-pajjiż kienu qed jiġu organizzati u

jinġiebu lejn is-Serbja mill-partit fil-gvern biex jittfghu l-vot tagħhom għall-elezzjonijiet lokali f'Belgrad;

- Q. billi l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili Serba CRTA wettqet analiżi fil-fond, ibbażata fuq data u riżorsi limitati, u għamlet l-istima konservattiva ħafna li l-ineżattezzi fir-reġistru tal-votanti jammontaw għal mill-inqas 30 000 votant; billi għandhom evidenza soda li din l-ineżattezza kienet parti minn strateġija ta' inġinerija elettoralil illegali u illeġittima biex tinfluwenza r-riżultati tal-elezzjoni u tgħawweġ ir-rieda tal-votanti; billi n-nies kienu qed jiġu ttrasportati mis-Serbja u lil hinn minnha kollha (il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Montenegro) biex jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali f'Belgrad; billi anke uffiċjali tal-gvern u politiċi mill-Bożnija-Ħerzegovina vvutaw b'mod miftuħ fl-elezzjonijiet muniċipali ta' Belgrad; billi l-Gvern Serb iddefenda din il-prattika bħala leġittima;
- R. billi allegazzjonijiet sostantivi oħra ta' irregolaritajiet jinkludu x-xiri tal-voti, il-preġudizzju medjatiku, il-persjoni fuq l-impjegati tas-settur pubbliku, l-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi, l-intimidazzjoni u t-tfigħ ta' voti żejda;
- S. billi l-awtoritajiet Serbi jiċħdu kwalunkwe irregolarità; billi kemm il-President Serb kif ukoll il-media kkontrollata mill-Kremlin allegaw li pajjiżi oħra interferixxew fil-proċess elettoralil fis-Serbja b'modi brutali, iżda ma pprovdewx evidenza sostanzjata għal dawn l-affermazzjonijiet; billi l-Prim Ministru Brnabić irringrazzja pubblikament lis-servizzi tal-intelligence Russi talli pprovdew informazzjoni dwar l-attivitajiet ipplanati tal-oppożizzjoni; billi t-tixrid tad-diżinformazzjoni u n-narrattivi Russi huma problema serja u persistenti fis-Serbja, b'mod partikolari matul il-kampanji elettoralil; billi l-Kremlin ikkundanna l-protesti pubbliċi kontra l-elezzjonijiet ġenerali ffrodati Serbi bħala attentati mill-Punent biex jipprovaw iwaqqgħu l-gvern u jorganizzaw "kolp ta' stat ta' Maidan" ieħor;
- T. billi l-organizzazzjonijiet indipendenti Serbi li jiddenunzjaw l-irregolaritajiet matul l-elezzjonijiet reċenti kienu soġġetti għal attakki kontinwi minn uffiċjali tal-gvern; billi minkejja l-fatt li kixfu ħafna evidenza konkreta li tissuġġerixxi l-frodi elettoralil, l-awtoritajiet Serbi s'issa rrifjutaw li jinvestigaw dawn l-allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet u minflok ippruvaw jiskreditaw u jintimidaw lill-osservaturi elettoralil li ppubblikaw l-episodji tal-irregolaritajiet; billi minn mindu saru l-elezzjonijiet, politiċi ewlenin Serbi, inkluż il-President, kasbru b'mod inġust lill-Membri tal-Parlament Ewropew u lil membri oħra tal-Missjoni Internazzjonali ta' Osservazzjoni Elettorali (MIOE);
- U. billi r-riżultati tal-elezzjonijiet, speċjalment l-elezzjonijiet muniċipali f'Belgrad, ġew ikkontestati mill-oppożizzjoni, u dan wassal għal dimostrazzjonijiet paċifiċi kbar mibdija mill-koalizzjoni tal-oppożizzjoni "Serbja kontra l-Vjolenza" u l-assoċjazzjoni mhux partiġġjana ProGlas biex jitolbu l-annullament tal-elezzjonijiet u li ssir votazzjoni ġdida; billi l-Kummissjoni Elettorali tar-Repubblika Serba (REC) irrifjutat l-ilmenti tal-oppożizzjoni; billi l-oppożizzjoni talbet li r-riżultati elettoralil jiġu annullati quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minħabba allegazzjonijiet ta' frodi mifruxa;

- V. billi protesta fl-24 ta' Diċembru 2023 ħadet xejra vjolenti meta xi wħud mid-dimostranti attackaw l-Assemblea tal-Belt ta' Belgrad, u wara dan il-pulizija arrestaw 38 persuna, inklużi studenti, li ġew imħarrka talli kkontestaw l-ordni kostituzzjonali u li minnhom uħud għadhom taħt detenzjoni domiciliari; billi bosta dimostranti paċifiċi ddikjaraw li kien hemm hooligans lebsin il-maskri li infiltraw id-dimostrazzjonijiet; billi d-dimostranti paċifiċi ddenunzjaw ukoll l-użu sproporzjonat tal-forza mill-pulizija;
- W. billi matul l-aħħar għaxar snin minn meta l-President Vučić ħa l-poter, kien hemm erożjoni kontinwa tal-libertà tal-media fis-Serbja, ikkaratterizzata minn pressjoni politika, theddid u saħnsitra attacki fiżiċi kontra l-ġurnalisti; billi r-Reporters mingħajr frontieri taw fost l-aktar punteġġi baxxi lis-Serbja fl-Ewropa f'dak li huwa l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tagħha, u fl-2023 il-pajjiż niżel 12-il post biex sab ruħu fil-91 post;
- X. billi l-istat tad-dritt u l-funzjonament xieraq tal-istituzzjonijiet demokratiċi tas-Serbja jibqgħu sfida ewlenija għall-proċess ta' adeżjoni tas-Serbja mal-UE;
1. Jiddeplora l-fatt li l-elezzjonijiet parlamentari u lokali Serbi li saru fis-17 ta' Diċembru 2023 iddevjaw mill-istandards internazzjonali u mill-impenji tas-Serbja għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti, minħabba l-abbuż persistenti u sistematiku tal-istituzzjonijiet u tal-media min-naħa tal-persuni diġà fil-kariga sabiex jiksbu vantaġġ inġust u mhux dovut; iqis li dawn l-elezzjonijiet ma jistax jitqies li seħħew f'kundizzjonijiet ġusti; jinsab allarmat mir-rapporti dwar l-iskala mifruxa u sistematika ta' frodi li kkompromettiet l-integrità tal-elezzjonijiet fis-Serbja;
  2. Jinnota li l-MIOE ddikjarat li l-elezzjoni saret mingħajr xkiel, iżda li l-ġurnata kienet ikkaratterizzata minn bosta nuqqasijiet proċedurali, fosthom l-applikazzjoni inkonsistenti ta' salvagwardji matul il-votazzjoni u l-għadd, każijiet frekwenti ta' ffullar eċċessiv, ksur tas-segretezza tal-votazzjoni, u bosta każijiet ta' votazzjoni fi grupp; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar dawk l-irregolaritajiet u l-ambjent elettoral general, li waqgħu taħt l-istandards mistennija minn pajjiż kandidat tal-UE; ifakkar lill-awtoritajiet Serbi li l-funzjonament xieraq tal-istituzzjonijiet demokratiċi tas-Serbja jinsab fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni tas-Serbja mal-UE u tal-metodoloġija ta' adeżjoni tal-UE;
  3. Jinnota bi tħassib serju l-evidenza estensiva miġbura mill-osservaturi internazzjonali u domestiċi li turi attivitajiet li jwasslu għal jum l-elezzjoni u matulu li setgħu biddlu l-eżitu tal-elezzjonijiet u setgħu affettwaw b'mod kritiku r-riżultati tal-elezzjonijiet muniċipali ta' Belgrad, b'mod partikolari, u li dgħajfu serjament il-leggittimità tal-elezzjonijiet parlamentari;
  4. Jitlob li ssir investigazzjoni internazzjonali indipendenti minn esperti u istituzzjonijiet legali internazzjonali rrispettati dwar l-irregolaritajiet tal-elezzjonijiet parlamentari, provinċjali u muniċipali, u li tingħata attenzjoni speċjali lill-elezzjonijiet tal-Assemblea tal-Belt ta' Belgrad, peress li ċerti allegazzjonijiet, inklużi dawk rigward il-migrazzjoni organizzata tal-votanti fil-livell lokali, imorru lil hinn mill-ambitu kopert mir-rapporti tal-OSKE/ODIHR; jappoġġja l-fatt li ntbagħtet fil-pront missjoni ta' ġbir ta'

informazzjoni ad hoc fis-Serbja, bil-parteċipazzjoni tal-Parlament;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tniedi inizjattiva li tibgħat missjoni ta' esperti fis-Serbja biex tivvaluta s-sitwazzjoni fir-rigward tal-elezzjonijiet reċenti u l-iżviluppi ta' wara l-elezzjoni fi sforz li jiġu ffaċilitati l-prekundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' djalogu soċjetali meħtieġ sabiex isir tentattiv biex terġa' tinkiseb il-fiduċja u l-kunfidenza tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet, u biex tivvaluta u tindirizza l-kwistjonijiet sistemiċi tal-istat tad-dritt fis-Serbja, filwaqt li tħares lejn l-eżempju tar- "Rapporti Priebe";
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' rispons istituzzjonali għall-allegazzjonijiet serji tal-involvement tal-persuni diġà fil-kariga fil-manipulazzjoni u l-abbuż elettorali, hekk kif dan jikkontribwixxi għal atmosfera ta' impunità u jiżgura l-kontinwazzjoni ta' dawn il-prattiki; Jinnota, bi tħassib, li wħud mill-irregolaritajiet elettorali li sehew qabel l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2023 jikkostitwixxu ksur potenzjali tal-liġi Serba u l-Kostituzzjoni tagħha; jisħaq li, jekk tifthalla tippersisti mingħajr riperkussjonijiet, din il-prattika se tkompli ddgħajef il-fiduċja fil-proċess elettorali u fl-istituzzjonijiet tas-Serbja, u b'hekk tfixkel b'mod irrevokabbli t-tmexxija demokratika u t-tkomplija tal-integrazzjoni Ewropea; jisħaq fuq l-importanza li jiġu investigati bir-reqqa l-ilmenti kollha relatati mal-elezzjonijiet, inkluża t-talba reċenti biex jitħassru l-elezzjonijiet tal-Assemblea tal-Belt ta' Belgrad tas-17 ta' Diċembru 2023, li tressqet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn uffiċjal tal-koalizzjoni "Serbja kontra l-Vjolenza";
7. Jiddeplora n-nuqqas ta' prosekuzzjonijiet u sanzjonijiet relatati ma' reati matul l-elezzjonijiet, inklużi allegazzjonijiet serji ta' manipulazzjoni illegali tar-reġistru tal-votanti u tad-drittijiet tal-vot, pressjoni u intimidazzjoni kontra ċ-ċittadini u l-kandidati elettorali, każijiet ta' korruzzjoni, l-iffalsifikar tal-firem taċ-ċittadini, il-klijenteliżmu, l-abbuż illeġittimu u illegali tad-data taċ-ċittadini, l-abbużi tal-uffiċju tal-istat u n-nuqqas ta' mekkaniżmi effettivi biex jiġi evitat li min hu diġà fil-kariga jkollu vantaġġ istituzzjonali inġust fl-elezzjonijiet;
8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Serbi jinvestigaw, iħarrku u jressqu quddiem il-ġustizzja lil dawk responsabbli għal kwalunkwe reat kriminali matul l-elezzjonijiet, u għal kwalunkwe attack fuq l-istudenti;
9. Jikkundanna l-attakki orkestrati minn uffiċjali Serbi fuq osservaturi elettorali, inklużi Membri tal-Parlament Ewropew u jitlob li jerġa' jkun hemm diskors kostruttiv u li juri rispett, filwaqt li jenfasizza l-importanza tar-rispett reċiproku fil-proċess demokratiku; jinsab imħasseb ħafna dwar it-tentattivi biex l-osservaturi jiġu skreditati u intimidati; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Serbi jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw kwalunkwe kampanja ulterjuri ta' diżinformazzjoni kontra osservaturi elettorali u jistabilixxu kundizzjonijiet li jippermettu lill-osservaturi elettorali nazzjonali u internazzjonali jagħmlu xogħolhom b'mod effettiv, kif ukoll jipproteġuhom minn kwalunkwe vjolenza, theddid, ritaljazzjoni, diskriminazzjoni avversa, pressjoni jew kwalunkwe azzjoni arbitrarja oħra bħala konsegwenza tal-eżerċizzju leġittimu tagħhom tad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom; ifaħħar il-ħidma tal-osservaturi domestiċi miċ-Ċentru għar-Riċerka, it-Trasparenza u r-Responsabbiltà (CRTA) u ċ-Ċentru għall-Elezzjonijiet Ħielsa u d-Demokrazija (CeSID);



10. Jinsab imħasseb dwar il-“passivazzjoni” tal-indirizzi residenzjali ta’ ċerti kategoriji ta’ ċittadini, inkluż f’Belgrad u fin-Nofsinhar tas-Serbja, hekk kif din iċċaħħadhom mid-dritt tal-vot; jistieden lill-awtoritajiet responsabbli jirrimedjaw dan il-ksur serju tad-drittijiet elettoralni mingħajr aktar dewmien;
11. Iħeġġeġ lir-Repubblika tas-Serbja tindirizza t-tħassib dwar il-parteċipazzjoni tal-minoranzi nazzjonali fil-proċess elettoralni, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-kriterji għall-istatus ta’ minoranza u tindirizza l-vulnerabbiltajiet għall-pressjoni u x-xiri tal-voti;
12. Jistieden lill-awtoritajiet Serbi jipprovdu soluzzjonijiet istituzzjonali biex jingħelbu l-problemi attwali; jitlob lill-Parlament u lill-Gvern Serb biex jagħmlu kull sforz biex jiffunzjonaw b’mod effettiv, ħieles miċ-ċiklu kostanti ta’ kampanji u elezzjonijiet antiċipati frekwenti;
13. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Serbi jirbħu lura l-fiduċja tal-elettorat fil-proċess kollu, jistabbilixxu proċeduri elettoralni kompletament trasparenti u jiżguraw l-obbligu ta’ rendikont min-naħa tal-awtoritajiet, kemm jekk ikunu responsabbli mill-elezzjonijiet kif ukoll jekk ikunu qed jinterferixxu fihom; jistieden lill-awtoritajiet Serbi jikkooperaw bis-sħiħ u b’mod sostanzjali mal-ODIHR, l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa u jiffaċilitaw proċess inklużiv biex jissaħħu d-drittijiet u l-libertajiet relatati mal-elezzjonijiet, l-istituzzjonijiet u l-proċessi, bil-parteċipazzjoni ta’ osservaturi elettoralni domestiċi u partiti politiċi; jilqa’ kwalunkwe pass ġenwin f’din id-direzzjoni;
14. Jinnota, bi tħassib, li s-Serbja ma implimentatx bosta mir-rakkomandazzjonijiet li l-OSKE/l-ODIHR ilhom li għamlu żmien twil dwar kwistjonijiet ewlenin fil-proċess elettoralni, minkejja li għet ripetutament imħeġġa tagħmel dan, inkluż mill-Kummissjoni; jieħu nota tal-emendi reċenti li indirizzaw b’mod selettiv uħud mir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-OSKE/ODIHR u tal-Kummissjoni ta’ Venezja, b’mod partikolari dawk li jirreferu għall-qafas legali għall-finanzjament tal-kampanji elettoralni;
15. Jistenna bil-ħerqa r-rapport finali tal-MIOE tal-OSKE/ODIHR; iħeġġeġ lis-Serbja timplimenta r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-opinjoni konġunta tal-Kummissjoni ta’ Venezja u tal-OSKE/ODIHR tad-19 ta’ Diċembru 2022 dwar il-qafas kostituzzjonali u legali li jirregola l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fis-Serbja, b’konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet esperti tas-soċjetà ċivili u ferm qabel l-elezzjonijiet li jmiss, sabiex jiġu evitati irregolaritajiet u frodi ġodda filwaqt li jiġi garantit il-funzjonament demokratiku tal-pajjiż, b’mod partikolari dawk rigward l-aċċess tal-kandidati kompetituri għall-media, it-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont akbar tal-finanzjament tal-kampanji, miżuri biex tiġi indirizzata l-pressjoni fuq il-votanti u l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi;
16. Jistieden lis-Serbja timplimenta r-rakkomandazzjoni tal-OSKE/l-ODIHR biex twettaq awditu komprensiv tar-reġistru tal-votanti unifikat sabiex tindirizza t-tħassib dwar l-akkuratezza, inklużi allegazzjonijiet ta’ migrazzjoni tal-votanti u entrati ta’ persuni mejta; jinsab imħasseb dwar l-allegazzjonijiet li r-reġistru unifikat tal-votanti diġà

rreġistra żidiet sinifikanti ta' votanti fi bliet fejn l-elezzjonijiet lokali se jsiru aktar tard fl-2024;

17. Ihegġegħ lir-REC tiegħu l-passi meħtieġa ħalli tindirizza t-tħassib dwar it-trasparenza u l-effiċjenza tal-funzjonament tagħha, inkluża l-pubblikazzjoni f' waqtha tar-riżultati tal-monitoraġġ matul il-perjodu tal-kampanja;
18. Jikkundanna l-assenza ta' pluraliżmu tal-media matul il-kampanja elettorali, kif ukoll id-diżinformazzjoni u r-rappurtar mifruż mhux etiku u preġudikat tal-media favur il-persuni diġà fil-kariga; jinnota, bi tħassib, li għadd kbir ta' mezz medjatiċi huma influwenzati jew ikkontrollati mill-gvern, u li dan irriżulta f'kundizzjonijiet mhux ekwi għall-kandidati tal-oppożizzjoni matul il-kampanja; jikkundanna l-attakki instigati mill-mezzi medjatiċi qrib il-gvern kontra ġurnalisti kritiċi; jiddeplora l-esponiment pubbliku enormi tal-President tas-Serbja qabel u matul il-kampanja, peress li xejjen il-linji bejn l-istituzzjoni tal-president, l-istat u l-partit politiku fil-poter;
19. Jinsab imħasseb li minkejja l-liġijiet il-ġodda dwar il-media elettronika u dwar l-informazzjoni pubblika u l-media, il-kundizzjonijiet u l-pluraliżmu fil-media marru għall-aġar; jiddispjaċih ħafna li l-Awtorità Regolatorja għall-Media Elettronika (REM) ittraskurat l-obbligi tagħha skont il-liġi li tiskrutinizza l-kampanja tal-media, tirrapporta dwar is-sejbiet tagħha u tissanzjona lill-mezzi medjatiċi li kisru l-liġi, xerrdu d-diskors ta' mibegħda jew kisru l-istandards ġurnalistiċi; jinnota, bi tħassib, li r-REM ippubblikat biss riżultati ta' monitoraġġ għax-xandar pubbliku u għall-kanali privati bil-kejbil, iżda mhux għall-kanali nazzjonali privati qrib il-partit fil-gvern;
20. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar każijiet ta' attakki u lingwaġġ abbużivi, flimkien ma' fastidju kontra ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti tas-soċjetà ċivili, f'xi każijiet minn uffiċjali tal-gvern, b'mod partikolari qabel l-elezzjonijiet; ihegġegħ lill-awtoritajiet Serbi jiġġieldu l-indħil barrani u l-kampanji ta' diżinformazzjoni, itejbu b'mod qawwi l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu indipendenti u jiżguraw ambjent medjatiku trasparenti; jissottolinja li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ jagħmlu aktar biex jiżguraw li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-ġurnalisti u tal-media Serbi; jirrimarka li l-aċċess għall-finanzjament ta' qabel l-adeżjoni għandu jintuża bħala għodda biex is-sitwazzjoni tal-libertà tal-media ma tibqax sejra lura;
21. Jitlob li ssir riforma tal-effettività tal-mekkaniżmi ta' sorveljanza tal-kampanja, inkluż tal-Aġenzija għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u tal-Kumitat ad hoc għas-Sorveljanza tal-Kampanji, biex jiġi żgurat indirizzar f' waqtu u trasparenti tal-ilmenti relatati mal-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi;
22. Jissottolinja li s-Serbja, bħala pajjiż kandidat għas-sħubija fl-UE, jonqsu standards demokratiċi bażiċi tal-UE u internazzjonali implimentati biżżejjed; jistieden lill-awtoritajiet Serbi jiżguraw li hemm biżżejjed garanziji demokratiċi fis-seħħ biex isiru l-elezzjonijiet lokali regolari li jmiss fl-2024, kif ukoll f'elezzjonijiet futuri;
23. Jinnota li l-Parlament Serbi kollha f'dawn l-aħħar 12-il sena, għajr wieħed, ġew xolti kmieni u li r-ripetizzjoni ta' elezzjonijiet antiċipati bla bżonn iddghajef l-istabbiltà

politika; jissottolinja li elezzjonijiet kostantement bikrija, ambjent ta' kampanja elettorali permanenti u dewmien twil biex jissawru l-gvernijiet ma jikkontribwixxux għal governanza demokratika effiċjenti tal-pajjiż, iżda minflok idgħajfu l-parlament tiegħu u jwasslu għal nuqqas ta' leġittimità u sorveljanza leġiżlattiva parlamentari;

24. Jissottolinja l-importanza tal-libertà tal-espressjoni u jirrikonoxxi li kulħadd għandu d-dritt li jesprimi l-fehmiet tiegħu u jipparteċipa fi protesti paċifiċi; jikkundanna, f'dan il-kuntest, l-użu sproporzjonat tal-vjolenza mill-pulizija kontra dimostranti paċifiċi li jipprotestaw kontra l-frodi elettorali; jinsab imħasseb dwar l-allegazzjonijiet li aġenti provokaturi infiltraw il-protesti biex jiskattaw l-intervent tal-pulizija; jinsab imħasseb dwar valutazzjonijiet li xi parteċipanti fil-protesta tal-24 ta' Diċembru 2023 irċevew trattament sproporzjonatament aħrax mill-pulizija u l-ġudikatura, b'kuntrast qawwi mal-prattiki tal-pulizija Serba fi protesti preċedenti fil-pajjiż; ihegġegħ lill-missjonijiet diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri jkomplu jimmonitorjaw il-kawżi legali li għaddejjin bħalissa relatati mal-protesti;
25. Jikkundanna bil-qawwa d-dikjarazzjonijiet mhux sostanzjati tal-awtoritajiet Serbi li l-Istati Membri tal-UE kienu involuti fl-organizzazzjoni ta' protesti ta' wara l-elezzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-protesti ntużaw bħala skuża biex jinfirxu narrattivi kontra l-UE fil-media qrib il-partit fil-gvern;
26. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' kritika vokali espressa mill-Kummissjoni, b'mod partikolari mill-Kummissarju għat-Tkabbir, rigward id-diversi allegazzjonijiet ta' frodi tal-votanti fl-elezzjonijiet Serbi, u jistieden lill-Kummissjoni tindirizza n-nuqqasijiet li wasslu għal dawn l-allegazzjonijiet mingħajr dewmien;
27. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li n-negożjati tal-adeżjoni mas-Serbja għandhom javvanzaw biss jekk il-pajjiż jagħmel progress sinifikanti fir-riformi tiegħu relatati mal-UE inluża l-implimentazzjoni bis-sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR u tal-Kummissjoni ta' Venezja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw kundizzjonalità severa; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi bir-reqqa r-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tibda minnufih l-awditu tal-finanzjament ipprovdut lill-Gvern Serb fl-ambitu tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III (IPA III) u strumenti finanzjarji oħra; jissottolinja li jekk l-awtoritajiet Serbi ma jkunux lesti jimplimentaw rakkomandazzjonijiet elettorali ewlenin jew jekk is-sejbiet ta' din l-investigazzjoni jindikaw li l-awtoritajiet Serbi kienu involuti direttament fil-frodi tal-votanti, jitlob is-sospensjoni tal-finanzjament tal-UE abbażi ta' ksur serju tal-istat tad-dritt b'rabta mal-elezzjonijiet tas-Serbja;
28. Jimpenja ruħu li jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ta' wara l-elezzjonijiet fis-Serbja u jimpenja ruħu li jappoġġja riformi li jsaħħu d-demokrazija u jgħinu lis-Serbja tavvanza fit-triq lejn l-adeżjoni mal-UE; jisħaq li dejjem ħadem biex jappoġġja l-pluraliżmu politiku u t-tiżiħ ta' ambjent elettorali inklużiv fis-Serbja permezz tal-attivitajiet kollha tiegħu, b'mod partikolari permezz tad-djalogu bejn il-partiti u l-proċess ta' djalogu parlamentari; jissottolinja l-importanza li jitkompla d-djalogu bejn il-partiti u l-proċess ta' djalogu parlamentari; jistieden lill-UE tikkofaċilita djalogu intern u sinifikanti fis-Serbja bejn il-gvern u l-oppożizzjoni sabiex tingħeleb il-klima attwali ta'

polarizzazzjoni politika profonda; iqis li l-Parlament, f' dan l-isfond, huwa l-aktar istituzzjoni xierqa biex jaġixxi bħala faċilitatur kostruttiv;

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tas-Serbja, lill-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, u lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.